# Marjanu Vella u d-Dinja Allegorika Tiegħu.

BERNARD MICALLEF

Li kieku test letterarju għandu tifsira, Marjanu Vella minnufih joffri problema għax itenni ħafna drabi li ma stqarrx dak li ried jgħid. B'devozzjoni sħiħa lejn id-dinja ordinarja, il-poeta jilmenta li kliem bħal "gawwi," "ċorma nies," "ħerża ta' bir," "baħar," "ġebla," u "burraxka," mhux jaqdi s-sens. Dan jikkonferma li l-oġġett ta' Marjanu Vella mhux validu għax hu ordinarju, iżda għax f'konnessjoni ma' oġġetti oħra joħloq sistema allegorika. Bosta drabi, l-allegorija sservi biex fl-oġġett konkret tinstab kwalità sekondarja jew relazzjoni remota li ssir fattur ewlieni fi programm kosmiku. Għaldaqstant, l-allegorija tinterroga l-apparenza sempliċi tal-ħwejjeġ li jiċċirkondawna, u fl-istess waqt tinqeda bihom biex tirrappreżenta realtà kosmika li ma tidhirx. Minkejja l-isforz tal-kittieb allegoriku biex iżomm l-apparenza realistika intatta, fil-mekkaniżmu allegoriku r-relazzjoni bejn l-oġġetti ma tibqax fiżika daqskemm issir relazzjoni arketipali, jew ideali.[1] Ix-xbiha allegorika tipparteċipa f'dinja ta' kawża u effett materjali, iżda dejjem tibqa' ddominata minn konnessjoni invarjabbli bejn forzi universali jew ideat astratti. L-ilment ta' Marjanu Vella mhux dwar l-oġġett realistiku, iżda dwar skema metafiżika li għandha realizzazzjoni konkreta u xorta waħda qatt ma tinftiehem kompletament.

L-inkomunikabilità hija aspett fundamentali tad-dinja allegorika, għax f'din id-dinja kull ċirkustanza reali timmanifesta u taħbi struttura kosmika. Ir-realtà, fl-allegorija, teżisti bħala paradoss: fl-istess waqt tikxef ordni suprem billi tirrappreżentah, u taħbi l-istess ordni suprem billi tillustrah f'natura alternattiva. L-ilmenti kontinwi ta' Marjanu Vella dwar l-inkomunikabilità għandhom jitqiesu f'relazzjoni ma' dan il-paradoss ta' realtà li turi u taħbi dimensjoni oħra ta' valuri eterni. Il-kun-

siderazzjoni kontinwa li Marjanu Vella jagħti lill-inkomunikabilità hi eżemplifikata b'versi bħal dawn: "Xi ħtija għandi / jekk taħwid jgħidu x-xofftejn?" ("Bla Ħtija"); "u x-xewqa tiegħi / ma nafx inrodd fi kliem" ("Wara"); "Irrid niftakar / dawk il-kelmiet: / moħħi jitbikkem / fil-waħx tas-skiet" ("Għabex"); "fommi jmut qabel iwelled / damma kliem" ("In Meditatione Mea"); "ma nafx iniex nitkellem sewwa" ("Ma Nafx"); u "Ġenna ta' kliem ġo sidri / li jasal sa xofftejja/ ... tbatija biex inlissnu / u demgħa fuq għajnejja" ("Frak 4"). Hemm għadd ġmielu ta' lmenti oħra dwar it-tifsira imblukkata ġewwa, il-kelma li ma tixrifx, u l-poeta li qiegħed jitħaddet mingħajr ma jesprimi ruħu sew. Hemm ukoll għadd ta' referenzi indiretti għat-temtim li Marjanu Vella kien ibati minnu, jew aħjar għall-mod kif kienet teħillu l-kelma meta jiġi biex jesprimi ruħu. Xkiel bħal dan kien jibqa' kundizzjoni fiżika biss li kieku l-poeta ma biddlux f'allegorija dwar l-esperjenza ineffabbli, il-mument meta teħel il-kelma lil bniedem li jġarrab rivelazzjoni. L-argument ewlieni tiegħi se jkun li Marjanu Vella ħaddem primarjament il-mekkaniżmi ta' l-allegorija, jiġifieri modi kif ġrajja universali tingħata preżenza konkreta, modi kif ġerarkija kosmika tirrealizza ruħha fil-konnessjonijiet realistiċi bejn l-oġġetti materjali. It-temtim innifsu jidħol f'dan il-mekkaniżmu allegoriku u jsir espressiv ħafna meta minn dettal bijografiku jikxef ir-riżorsi allegoriċi tiegħu bħala sinjal. Il-bniedem li teħillu l-kelma f'esperjenza apokalittika jirrappreżenta r-relazzjoni bejn il-kelma bħala limitu u r-rivelazzjoni bħala ordni suprem. Minn dettal bijografiku, it-temtim isir sinjal b'termini ġodda ta' konnessjoni u jinteressa lill-qarrej bħala possibbiltà semjotika. Minħabba li l-letteratura allegorika tibni sens doppju f'dehra reali waħda, hi modalità ta' kitba li faċilment iddarri lill-kittieb jara l-konkreta u l-enigmatika f'salt, il-bijografiku u l-kosmiku fl-istess ċirkustanza, il-proċediment ta' episodju partikulari u l-iżvolġiment ta' pjan divin fi storja waħda. Minħabba f'dan, kemm-il darba ngħad li l-allegorija tinvolvi qari innoċenti jew qari profond

skond kemm il-qarrej innifsu hu kapaċi jittrasferixxi d-dettal konkret f'ġerarkija kosmika li mhix.[2]

It-trattament l-aktar żviluppat, intens, u straordinarju dwar il-mod kif l-allegorija tiddependi fuq il-qarrejja tagħha jinstab fil-poeżija "Għall-Funeral ta' Marjan Kruptos, Poëta," poeżija li fiha kotra nies tirrappreżenta l-qarrejja futuri ta' Marjanu Vella u tikkundanna l-oskurità poetika tiegħu. Fit-titlu, il-poeta jingħata l-kunjom dispreġjattiv "Kruptos" li jiġi qabel il-professjoni ta' poeta li tissemma l-aħħar. Marjan Kruptos l-ewwel hu oskur min-natura tiegħu, tant li jġorr l-oskurità bħala kunjom, imbagħad hu poeta bi professjoni. Il-kelma "kruptos" għandha ħoss klassiku iżda tifsira dispreġjattiva, u l-istess jista' jingħad għall-forma tal-poeżija li hi klassika minkejja l-funzjoni dispreġjattiva tagħha. Il-kotra timita l-odi funebri jew l-epiċidju Grieg għax matul il-poeżija titkellem b'versi tal-ħdax, b'ton ċelebrattiv u dinjituż, bl-għaqda tal-vuċijiet fil-leħen solenni ta' kor, bis-sentenza elaborata li tixhed ħsieb razzjonali, u fuq kollox bl-okkażjoni ta' l-epiċidju. L-epiċidju kien ġeneru poetiku li jikkommemora persunaġġ waqt il-funeral tiegħu, iżda f'din il-poeżija d-disprezz jieħu post il-kommemorazzjoni, u t-tkasbir jissostitwixxi l-qima lill-poeta. Silta mill-poeżija tillustra d-diskrepanza bejn il-forma u l-funzjoni:

Il-qniepen la ddoqqux, jgħaddi fis-sikta
il-funeral ta' dal-Poeta iblah,
li kiteb kriptogrammi ta' bla siwi.

Qrajnieh u ma fhimniehx; kelma ġo kelma
niseġ li kellu jgħid, u fehem hu waħdu
il-ġrajja ta' taħwid – li kienet ħajtu.

Għal min hu midħla tal-forma klassika tat-tifħira, l-ordni biex ma jindaqqux il-qniepen u biex il-poeta jgħaddi fis-sikta taħbat kontinwament ma' l-għan klassiku ta' l-epiċidju biex ifakkar il-


Għall-Funeral
ta'
Marjan Kruptos, Poëta

Lil M.M., li se jieħu ħsieb
ta' kollox hu.

Il-qniepen la ddoqqux, jgħaddi fis-sikta
il-funeral ta' dal-Poëta iblah,
li kiteb kriptogrammi ta' bla siwi.

Qrajnieh u ma fhimiehx; kelma go kelma
niseġ li kellu jgħid, u fehem hu waħdu
il-ġrajja ta' taħwid — li kienet ħajtu.

Ried jgħid u ma riedx jgħid; kiteb fuq bandla
il-ħsebijiet, li mbagħad ħargu jixxenglu
lebsin id-dinjità tal-poëżija.

Inħeba bejn il-kliem, waqaf u ġera,
sa qata' nifsu u nifs min beda jaqra
is-satra misterjuża ta' kitbietu.

Il-qniepen la ddoqqux; jgħaddi fis-sikta
il-funeral ta' dal-Poëta iblah,
li ħalla patrimonju ta' misteri.

*Il-manuskritt ta' l-ewwel parti tal-poeżija "Għall-Funeral ta' Marjan Kruptos, Poëta" miktuba fis-27 ta' Jannar 1987.*

merti tal-mejjet b'mod pubbliku. Dil-ġemgħa irreverenti tkompli takkuża lill-poeta bi kliem bħal "ried jgħid u ma riedx jgħid," "inħeba bejn il-kliem," u "qata' nifsu u nifs min beda jaqra / issatra misterjuża ta' kitbietu." Dawn il-kundanni kollha jimmiraw lejn il-mekkaniżmu allegoriku fil-poeżiji ta' Marjanu Vella, iżda qabel nittrattawhom neħtieġu osservazzjoni oħra rigward din il-ġemgħa li tikkundanna lill-poeta. Il-mistoqsija tiegħi mhix il-għala Marjanu Vella ħoloq din il-ġemgħa li tikkundanna l-oskurità poetika tiegħu, iżda għaliex poġġa kliemha f'ġeneru poetiku li jikkommemora. Fi kliem ieħor, għaliex poġġa d-disprezz fil-forma ta' l-epiċidju u ħoloq parodija b'ġeneru klassiku? Il-parodija mhix bħal ġeneri oħra ta' disprezz letterarju, ngħidu aħna bħal-*lampoon,* il-paskwinata u d-dijatriba li lkoll jirredikolaw mingħajr ma jimitaw ton u attitudni serja. Biex il-parodija tirredikola bilfors timita trattament serju, biex tnaqqas mill-valur bilfors tinkludi attributi validi, biex tmaqdar bilfors tinqeda b'forma ta' qima. Il-parodija, fil-fatt, tinvolvi eżerċizzju semjotiku straordinarju għax fiha jitħalltu sinjali opposti. Ngħidu aħna, fil-parodija ta' Marjanu Vella jitqiegħdu biswit xulxin sinjali ta' disprezz u sinjali ta' kommemorazzjoni, tant li l-kotra tamar biex ma jindaqqux il-qniepen minkejja li żżomm l-okkażjoni u l-istil ta' l-odi funebri. Meta jagħmel parodija ta' kommemorazzjoni, Marjanu Vella joħloq ġemgħa li tikkundannah. Iżda semjotikament jagħmel ħafna aktar minn hekk: joħloq sinjali (funzjonali) ta' disprezz f'sinjali (ġeneriċi) ta' qima u jipprovoka żewġ attitudnijiet kuntrarji permezz ta' kelma li tmaqdar ġo forma li tfaħħar. Is-suġġett tal-poeżija, jiġifieri l-oskurità allegorika ta' Marjanu Vella, jinftiehem biss minn esperjenza poetika li hi parzjalment ċeremonjali u parzjalment dispreġjattiva, perspettivi opposti li jseħħu flimkien u jgħabbu lill-qarrej bir-responsabbiltà ta' min irid jagħżel bejn indikazzjonijiet opposti. Il-qarrej irid jaqra l-kundanna ta' l-allegorija billi jadotta l-forma u l-okkażjoni ta' qima, u din il-provokazzjoni tiddrammatizza r-responsabbiltà tiegħu bħala interpretu.

Ejja ngħaqqdu l-punti ewlenin li ġew stabbiliti sa issa: punt wieħed kien li Marjanu Vella jevoka d-dinja ordinarja billi juża termini bħal "gawwi" u "burraxka"; punt ieħor kien li Marjanu Vella lmenta għadd ta' drabi dwar it-tifsira li ma titwassalx għax id-dinja tiegħu taħbi ordni metafiżiku; l-aħħar punt kien li permezz tal-parodija Marjanu Vella ġab biswit xulxin il-qima u l-kundanna ta' din l-arti poetika li tinqeda b'termini sempliċi iżda tibqa' oskura. It-tliet punti, fil-fatt, huma l-qofol tal-mekkaniżmu allegoriku: il-poeta allegoriku jinqeda b'oġġetti li jidhru preżenza sempliċi; f'din il-preżenza jimplika tifsira metafiżika li qatt ma tista' titwassal totalment; u dal-paradoss ta' realtà li tikxef u taħbi l-ultimu jista' jisfa kkundannat jew imfaħħar ladarba jiddependi fuq il-ħila interpretattiva tal-qarrej. L-għażla bejn il-qima jew il-kundanna tal-poeta allegoriku tiddependi ħafna fuq kemm il-qarrejja tiegħu jagħrfu l-oġġett bħala sinjal apokalittiku. Waqt li f'mekkaniżmu metaforiku żewġ elementi jiġu identifikati flimkien jew wieħed jieħu post l-ieħor, u f'teknika simbolika l-element simboliku jista' jitlef ir-rabta tiegħu ma' kuntest speċifiku, fl-allegorija l-astratt jingħata preżenza konkreta u speċifika fi ġrajja, tant li l-interpretu jista' jkun ingannat bl-immedjatezza ta' l-oġġett u jinsa li dak l-oġġett hu rivelazzjoni jew sinjal apokalittiku.

Jekk wieħed ikollu x-xorti josserva l-arti allegorika fl-arazzi murali, fil-ħġieġ imlewwen, u fl-affreski ta' l-ewropa medjevali, jintebaħ minnufih kif il-figura allegorika tingħata poża, atteġġjament, u ġestwalità li jiżvelaw ġrajja kosmika (ngħidu aħna, t-taqbida eterna bejn il-virtujiet u l-vizzji) mhux xena statika. Fi kliem ieħor, entità allegorika bħall-Fidi hija semjotikament interessanti għax waqt li hi sinjal f'ġerarkija kosmika, jiġifieri għandha funzjoni fissa f'sistema eterna, hija wkoll mara tad-dinja li bil-poża u bl-atteġġjament fiżiku tagħha tista' tikkonferma jew (apparentament) tikkontradixxi dik il-funzjoni eterna. Fil-metafora x-xebh ma jirrikjedix eżistenza fiżika, iżda fl-allegorija r-rappreżentazzjoni femminili tal-Fidi trid tkun

mara b'eżistenza realistika. Minkejja li l-ġrajja universali ta' l-allegorija diġà hija miktuba, xorta waħda trid titwettaq f'episodju partikulari, u dan semjotikament jinvolvi l-istess sinjal allegoriku f'relazzjoni ideali u f'relazzjoni kontinġenti ma' sinjali oħra. Ladarba l-allegorija tissottometti l-istess sinjal għal ordni kosmiku u għar-regoli fiżiċi, l-innovazzjoni tagħha tinsab fil-modi kif permezz ta' sinjal wieħed tinbena konnessjoni semjotika bejn il-permanenza ta' narrattiva universali u l-impermanenza ta' inċident kontinġenti. Is-sinjal allegoriku, sa ċertu punt jew ieħor, irid jaħdem f'dawn iż-żewġ pjani fl-istess waqt, u jrid isawwar konnessjoni bejniethom. Il-qofol ta' Marjanu Vella jinsab fil-mod kif f'kultura Maltija nieqsa għalkollox minn tradizzjoni allegorika, bena konnessjoni semjotika bejn id-dinja ċkejkna tiegħu tax-xita u tal-gawwi, u l-ġrajja sħiħa tal-bniedem.

Rosemond Tuve tosserva kif l-allegorija mhix paragun metaforiku bejn żewġ entitajiet, iżda provokazzjoni biex l-interpretu jsawwar avvenimenti kosmiċi f'ċirkustanza u oġġett immedjati, tant li fil-mentalità allegorika l-qarrej isir produttiv daqs il-kittieb.[3] Maureen Quilligan tiddefinixxi l-qarrej allegoriku bħala dak li f'dinja apparentament ordinarja jipparteċipa fit-tiftixa għal sens arketipali mistur, u fil-proċess jibni lilu nnifsu bħala mod ta' għajxien imsawwar mill-għażliet interpretattivi li għamel.[4] F'kull każ, l-allegorija tistrieħ ħafna fuq ir-responsabbiltà interpretattiva tal-qarrej mingħajr ma tassumi li t-tifsira ultima tista' qatt tintlaħaq. Għadd ta' kritiċi jsostnu li r-responsabbiltà tal-qarrej fil-letteratura allegorika hi simili għall-avventura tal-kavallier medjevali li matul il-vjaġġ tiegħu jiltaqa' ma' entitajiet reali u jinterpretahom tajjeb jew ħażin skond kemm ikollu ħila jara fil-preżenza konkreta tagħhom l-istadji ta' ġerarkija universali ta' tifsiriet. Il-punt hu li fl-allegorija aħna niltaqgħu ma' tifsira bħallikieku dik it-tifsira kellha l-miżuri, is-sustanza, u l-imġiba ta' entità realistika: aħna niltaqgħu mal-Fidi bħallikieku kienet mara miexja fit-triq li fl-imġiba tagħha trid tikxef il-konnessjoni loġika tal-Fidi ma' tifsiriet oħra bħall-

Biża'. Dan wassal biex fil-letteratura allegorika l-qarrej u l-eroj jinftehmu bħala l-protagonisti ta' vjaġġ jew avventura li fil-fatt hija trasformazzjoni ġewwiena. B'ingaġġament ma' ħwejjeġ konkreti li jinterpreta tajjeb jew ħażin, il-kavallier medjevali ma kienx jikseb l-ideal bħala oġġett konkret, iżda bħala viżjoni li tibdlu. Nistgħu nieħdu eżempju bil-gral qaddis li fir-romanz u l-leġġenda medjevali kien jisparixxi kull darba li joqrob lejh bniedem li ma kienx pur. Il-gral ma kienx it-tmiem oġġettiv tal-vjaġġ għax Galahad, l-uniku kavallier pur, kien ħares fih u ra l-viżjoni ta' Alla li ma setax isarraf fi kliem. It-tmiem veru hu n-nuqqas espressiv tal-kavallier ittrasformat skond gradi ta' għarfien kristjan. Barra minn hekk, il-gral seta' jkun qrib mingħajr ma jintebaħ bih il-kavallier, ma kellux lok fiss jew magħruf, u għegħel l-avventura kollha tal-kavallier Gawain tfal-li minħabba li dan il-kavallier ma kienx għaraf is-sinifikat divin tiegħu. Il-preżenza u l-assenza tal-gral, flimkien mas-sinifikat veru tiegħu, kienu gradi ta' trasformazzjoni interpretattiva fil-kavallier matul il-vjaġġ. Fil-letteratura allegorika li segwiet il-Medju Evu, dan il-vjaġġ beda jseħħ f'ħolma jew f'dinja fan-tastika, iżda s-sens ta' progress bi trasformazzjoni ġewwiena baqa' jippredomina.[5] Biex wieħed japprezza l-mekkaniżmu allegoriku ta' Marjanu Vella, jeħtieġlu jifhem tliet aspetti essen-zjali ta' l-allegorija li jsibu l-oriġini tagħhom fil-Medju Evu: l-oġġett hu dejjem apparenza konkreta li teħtieġ interpretazzjoni alternattiva; it-tifsira ultima qatt ma tintlaħaq iżda titpatta bi trasformazzjoni ġewwiena; u r-responsabbiltà interpretattiva hi tal-qarrej li waqt il-qari jittrasforma ruħu minflok isib l-assolut. Dawn il-funzjonijiet ta' l-allegorija jitwettqu bit-tliet xejriet poetiċi ta' Marjanu Vella: l-oġġetti sempliċi (bħal "gawwi") jeħtieġu interpretazzjoni alternattiva; iżda l-poeta stess teħillu l-kelma jew jikxef limitu verbali meta jiġi għal din it-tifsira ulti-ma; b'konsegwenza, it-tifsira allegorika tiddependi fuq il-qarrej li jista' jikkundanna jew iqim lill-poeta kif eżemplifikat fil-poeżija "Għall-Funeral ta' Marjan Kruptos, Poëta."

Ħa nieħdu eżempju ta' dan kollu b'poeżija partikulari. Il-poeżija "Sitta, Sitta" tibda bid-deħra ta' "sħaba gawwi" li "fuq id-dielja b'weraq niexef / tħalli ġmiel ta' dellijiet." Kieku l-qarrej jibqa' f'livell deskrittiv għandu l-komponenti kollha ta' stampa verament ċara ta' gawwi dieħel fuq l-art. Minħabba li l-allegorija tħalli d-dimensjoni konkreta intatta, tinqeda b'termini li ma jħassrux ix-xena realistika b'diskrepanza qawwija. B'konsegwenza, l-"isħaba" tal-gawwi ma għandhiex grad konnotattiv li jfixkel id-deħra reali, u l-qarrej faċilment jimmaġina l-gawwi dieħel bħallikieku kien sħaba. Il-qarrej allegoriku, mill-banda l-oħra, jibda jinnota li l-gawwi hu deskritt bħala sħaba flok qatgħa, u li l-ġmiel attribwit lid-dellijiet jinvolvi relazzjoni bejn l-opposti. L-inkongruwenza bejn id-deħra vivaċi tal-gawwi u d-dell ta' sħaba hi simili għall-ossimoro "ġmiel ta' dellijiet" li tiddefinixxi l-ġmiel bil-konnotazzjoni negattiva tad-dlam. Iż-żewġ eżempji jinvolvu skema ta' opposti li mingħajrha l-qarrej ma jistax jimxi minn sinjal għal ieħor. Waqt li l-gawwi jista' jidher bħala sħaba, il-ġrajja hi waħda ta' opposti. L-attenzjoni tal-qarrej allegoriku ma teħilx fit-tifsira ta' "ġmiel" jew ta' "dellijiet," li weħidhom ma joffru l-ebda sfida, iżda hija impenjata bir-relazzjoni bejniethom li mingħajrha ma jistax ikompli l-qari u li biha l-qari se jkompli bħala kunflitt bejn esperjenzi li jikkontradixxu lil xulxin. Sinjal bħal /gawwi/ għandu relazzjoni realistika mad-dell (għax jikkreah u jintrabat miegħu bil-loġika konkreta ta' kawża u effett) u relazzjoni arketipali mad-dell (għax il-ġmiel tal-gawwi hu l-oppost tal-konnotazzjoni tad-dell, u l-opposti jinvolvu skema eterna). Il-gawwi, għalhekk, isir entità semjotika li taħdem f'żewġ pjani: wieħed immedjat, kontinġenti, u jidher; l-ieħor li jiġġarrab bħala paradimma inviżibbli matul il-poeżija. Ir-rikorrenza ta' l-opposti tinvolvi anki l-imġiba tal-qarrej li, bħala osservatur, qiegħed iħares 'il fuq meta jara l-gawwi dieħel bħala deħra ta' ġmiel u 'l isfel meta jara l-art tiddallam bħala konnotazzjoni ta' niket. Ix-xbiha timponi l-iskema ta' l-opposti anki fuq l-imġiba tal-qarrej bħala osservatur ta' xena realistika.

106

## Sitta, sitta

Sbaħa qawwi sitta, sitta,
qiegħda tofroq is-smewwiet:
fuq id-dielja b'weraq niexef
tħalli ġmiel ta' dellijiet.

Sbaħa qawwi sitta, sitta,
qed tittajjar lejn x'imkien, xi
bħal qed tibża' minn xi ħaġa
li għelm tagħha m'hawn imkien.

Sbaħa qawwi sitta, sitta,
daluwaqt tasal fuq l-għelijiet
fejn ir-rgħajja jkunu jgħannu
huma w jinsu mal-merħliet.

Fejn ibejjet dan il-qawwi?
Dejjem xtaqt nara l-bejtiet
ta' dat-tajr li malli nilmħu
jaqbdu f'moħħi l-ħsebijiet.

Qawwi żgħir bilkemm jittajjar,
qawwi b'seħer ta' ġwenħajn,
qawwi jtir fil-għoli w jibki,
qawwi mweġġa' ... bla saqajn...

Sliema,
7-12-1974.

p. Marjanu Vella o.f.m.

*Il-manuskritt tal-poeżija "Sitta, Sitta".*

Meta l-poeżija tinqara kollha, ir-relazzjoni bejn il-kliem tipprovoka s-sens doppju jew allegoriku ta' ħafna mid-deskrizzjoni. Lejn it-tmiem, il-vers "il-gawwi jtir fil-għoli w jibki" jista' jiddeskrivi l-imġiba naturali tal-gawwi li jagħti ħoss ta' biki waqt li jtir. Iżda r-relazzjoni ironika bejn l-għoli trijonfanti tat-titjira u l-biki tippredomina minħabba li l-paradimma ta' l-opposti ddarri lill-qarrej jagħti prominenza lil din ir-relazzjoni moħbija bejn is-sinjali. It-tlugħ bħala simbolu ta' trijonf u l-biki bħala sinjal ta' turment joffru żewġ alternattivi: l-ewwel, li l-qarrej jibqa' f'deskrizzjoni naturali ta' għasfur li jinstema' jibki waqt li jtir; it-tieni, li l-qarrej jassoċja l-għoli mat-turment u jantiċipa l-aħħar vers: "gawwi mweġġa' ... bla saqajn." F'kull waqt, hemm dawn iż-żewġ alternattivi tipiċi ta' l-allegorija: ir-ritorn lejn dehra konkreta biss, jew livell integrattiv ġdid li jgħaqqad l-aħħar komponent moqri tal-poeżija ma' parti oħra li għad trid tiġi interpretata bl-istess prinċipju ta' konnessjoni (l-opposti). Fl-allegorija, ir-realtà dejjem tippreżenta lok ta' ritorn; l-għażla l-oħra hija interpretazzjoni li ma tintemmx għax il-qarrej isib grad integrattiv ġdid minflok jikseb l-ordni kosmiku li ma jistax ikun eżawrit bil-kliem. L-allegorija, fil-fatt, ġiet deskritta bħala mekkaniżmu li jestendi l-metafora f'narrattiva kumplessa għax meta l-qarrej jitlaq il-livell konkret bilfors ikompli b'akkumulazzjoni ta' konnessjonijiet li jagħmlu s-sinjal ċentrali (ngħidu aħna ta' gawwi) ġrajja drammatika (il-paradimma ta' l-opposti: trijonf/turment).[6] Il-qarrej ta' Marjanu Vella ma jasalx f'tifsira ultima li tingħata biss b'rivelazzjoni, jew li quddiemha l-poeta stess teħillu l-kelma u jibqa' oskur, iżda xorta jgħaddi minn trasformazzjoni ġewwiena li tilħaq xi grad ġdid ta' integrazzjoni bejn il-komponenti tal-poeżija. Dan il-grad interpretattiv hu wkoll grad ta' rivelazzjoni li kif se nuri jinvolvi bidla semjotika, jew bidla fil-mod kif nittrattaw il-kelma bħala sinjal.

Il-frażi "bla saqajn" tista' tkun deskrizzjoni ta' gawwi li jgħolli saqajh waqt titjira, iżda bħala kawża ta' uġigħ u turment

tqawwi waħda mill-kategoriji (it-turment) fl-iskema ta' l-opposti li l-poeżija tissuġġerixxi: ġmiel/dellijiet; titjira/art; trijonf/turment. Dan jimplika relazzjoni semantika ġdida bejn il-kliem: il-frażi "bla saqajn" issir il-kawża ta' "gawwi mweġġa'," u dal-feriment innifsu jsir il-kawża tal-biki. L-oriġinalità fiċ-ċirkustanza sseħħ mhux għax tinbidel ix-xena iżda għax is-semantika ordinarja tal-kliem tikkontribwixxi biex it-termini f'livell wieħed ta' tifsir jintegraw ruħhom b'mod differenti f'livell ogħla ta' tifsir. It-tifsir doppju, li minn dejjem kien karatteristika fundamentali ta' l-allegorija, jaħbi relazzjoni metonimika (ta' kawża u effett) bejn is-saqajn nieqsa tal-gawwi, l-uġigħ, u l-biki. "Bla saqajn" tiddeskrivi xena realistika ta' għasfur li jgħolli saqajh waqt titjira, iżda fl-iskema ta' l-opposti ssaħħaħ il-kategorija tat-turment. Il-frażi "bla saqajn" tadotta s-sens allegoriku ta' nuqqas perpetwu ta' mistrieħ għax il-kategorija tat-turment tikkorrispondi ma' l-għoli fit-titjira, jiġifieri man-nuqqas ta' art. Il-mistoqsija aktar bikrija "Fejn ibejjet dan il-gawwi?" diġà kienet lestiet lill-qarrej għas-sens ta' titjira bla destinazzjoni, minkejja li wkoll tista' tiġi interpretata bħala kurżità innoċenti dwar il-bejta tal-gawwi. F'kull każ, il-mekkaniżmu allegoriku jħalli żewġ ġrajjiet, waħda aċċidentali u l-oħra kosmika, paralleli: il-frażi "bla saqajn" taħdem bħala sinjal f'deskrizzjoni realistika u fi skema aktar ġenerali ta' opposti fejn hija allegorija ta' trijonf li hu turment, ta' titjira li hi bla bejta, ta' għasfur li hu dell, ta' ġmiel li jdallam.

Minħabba li l-osservatur innifsu hu obbligat iħares 'il fuq lejn il-gawwi u 'l isfel lejn id-dell tiegħu, il-bejta tal-gawwi wkoll tipparteċipa f'paradimma ta' opposti: l-osservatur iħares lejn titjira, iżda l-preokkupazzjoni tiegħu hi dwar il-mistrieħ fil-bejta. B'konsegwenza, dak li għall-bniedem ordinarju jidher sabiħ, ngħidu aħna d-dehra ta' gawwi jogħla fit-titjira tiegħu, fil-poeżija jsir ġrajja universali ta' nuqqas ta' mistrieħ għax jinftiehem f'konnessjoni ma' bejta nieqsa. Il-konnessjoni allegorika bejn l-għoli trijonfanti u t-turment, jiġifieri l-kuntrast fil-vers

"gawwi jtir fil-għoli w jibki," jinftiehem aktar bil-versi dwar il-gawwi li jibża' "minn xi ħaġa / li għelm tagħha m'hawn imkien." Dawn il-versi tipiċi ta' Marjanu Vella jkabbru d-diskrepanza bejn l-osservatur oġġettiv li jara l-ġmiel, u l-osservatur allegoriku ta' l-istess xena li jara t-turment. L-osservatur allegoriku jadotta l-ansjetà tal-gawwi li fil-poeżija hu vittma għax jara aktar minn dak li jidher jew jibża' "minn xi ħaġa / li għelm tagħha m'hawn imkien." Gay Clifford josserva li d-dinja allegorika hija stramba mhux għax hi eżotika, iżda għax fil-familjarità tagħha xorta hi elusiva, jiġifieri l-elementi li jsawruha jibqgħu newtrali u jsiru enigmatiċi fl-istess waqt.[7]

L-allegorija ma tistax tabbanduna l-koerenza narrattiva ta' l-episodju jew ir-regoli fiżiċi tax-xena konkreta li tippreżenta. Minkejja dan, l-allegorija tħalli d-dinja tal-liġijiet fiżiċi intatta biex toħloq is-suspett li fir-relazzjonijiet sekondarji bejn il-kliem hemm skema kosmika li għad trid tiġi żvelata f'xi grad apokalittiku. Il-konnotazzjonijiet li joħolqu skema universali ma joffrux tifsira ultima ċara, iżda gradi ta' rivelazzjoni li jittrasformaw lill-qarrej. Jista' jingħad li l-gawwi f' "Sitta, Sitta" hu allegorija ta' vjaġġ spiritwali perpetwu, li t-turment tal-gawwi hu t-turment ta' umanità mitlufa f'tiftixa eterna, li l-gawwi hu emblema ta' feriment spiritwali li nġarrbu f'din il-ħajja. L-allegorija ma tiksibx tifsira esklużiva daqskemm it-trasformazzjoni tal-qarrej innifsu, f'dan il-każ permezz ta' proċess semjotika minn xena ta' gawwi għal paradimma ġenerali ta' l-opposti. Kull paradimma tibqa' inviżibbli fit-totalità tagħha, minkejja li s-sinjali li jimluha huma viżibbli. Mhix koinċidenza li fil-poeżija ma hemm l-ebda "għelm" jew sinjal ta' dak li l-gawwi jibża' minnu, waqt li l-gawwi nnifsu jipparteċipa fih bħala sinjal li jidher: il-gawwi hu sinjal viżibbli f'paradimma li ma tidhirx. Ironikament, il-qagħda tal-gawwi u tal-qarrej hi l-istess.

Il-poeżija "Twelid" tikseb it-trasformazzjoni tal-qarrej billi tosserva l-ġerarkija riġida ta' l-erba' livelli ta' l-eseġesi biblika. L-eseġesi kienet tifred il-kelma biblika f'erba' saffi ta' tifsir li

fil-Medju Evu saru mudell ġenerali ta' interpretazzjoni u ġew adottati mil-letteratura. Dawn kienu: il-livell litterali li jfisser l-eżistenza realistika ta' l-oġġett; il-livell ta' tfettiħ interpretattiv li fih l-oġġett jinbidel f'possibbiltajiet figurattivi; il-livell tropoloġiku li fih l-istess oġġett jikseb sinifikat bibliku b'obbligu morali; u l-livell anagoġiku li fih l-oġġett isir rivelazzjoni li tissorpassa l-kliem. Kwalità notevoli ta' din il-ġerarkija hi li mhix sistema ta' interpretazzjoni biss, iżda sistema ta' produzzjoni ta' tifsiriet. L-interpretu kristjan, li segwa l-prinċipji ermenewtiċi ta' Oriġenu u ta' Santu Wistin, kellu jsib assoċjazzjoni bejn kull entità li tiġi mill-kultura, mir-realtà, jew anki minn reliġjonijiet oħra, u t-twemmin kristjan. Għal dan il-għan, ħtieġlu jopera bil-figuri letterarji biex jiġġustifika l-erba' livelli ta' tifsir imsemmija. L-aħħar livell ta' l-eseġesi biblika, il-livell anagoġiku, kien trasmess bi xbiha apokalittika, u l-interpretu qatt ma kellu t-tama li jittraduċi din l-esperjenza viżjonarja f'kelma finali. Waqt li fil-lingwa l-esperjenza apokalittika dejjem tissarraf f'paradoss, l-interpretu jikseb esperjenza momentarja tagħha wara li jissupera l-livelli l-oħra tat-tifsir. Il-poeżija "Twelid" tibda b'deskrizzjoni tal-kwalitajiet naturali tar-ramel b'aġġettivi bħal "ileqq," "niexef qoxqox," u "jiżloq ħafif." Iżda fit-tieni strofa r-ramel "jieħu suriet għariba" u jinbidel fi "sħab imċarrat, / triqat jisserrpu ġo xulxin, mifxula, / uċuħ ħerġin mill-ġrajja tal-fatati." F'dan l-istadju, ir-ramel bħala trasformazzjoni fiżika jintroduċi l-possibbiltà ta' ħafna sinifikati f'entità waħda u jirrappreżenta l-polisemija tas-sinjal /ramel/. Fi kliem ieħor, il-possibbiltà trasformattiva tar-ramel fiżiku tiftaħ sfera ta' interpretazzjonijiet li jintroduċu kuntesti ġodda. It-tielet strofa tirrestrinġi dil-firxa kuntestwali tar-ramel għal allużjoni biblika, u b'hekk tnebbaħ tagħlima morali: fir-ramel hemm "l-għajta tad-deżert li tidwi kiebja, / il-leħen tal-Battista bl-Aħbar Kbira, / u s-siegħa tax-Xitan li ried iġarrab." Dan il-livell interpretattiv jinvolvi konnessjoni metonimika bejn il-parti u s-sħiħ: il-qarrej jimxi minn ramel bħala kwalità tad-deżert għad-deżert sħiħ

bħala emblema tar-ruħ li ġġarrab it-tentazzjoni. Ir-ramel bħala sineddoke ta' deżert jintroduċi d-deżert bħala allużjoni għal Ġwanni l-Battista, u l-allużjoni għal Ġwanni l-Battista hija stadju fi ġrajja li tasal fit-tentazzjonijiet li jġarrab Kristu. Minn entità realistika, ir-ramel jinbidel fi proċess semjotiku li jiddependi fuq prinċipji aċċettati ta' kontinwazzjoni bejn il-konnotazzjonijiet tar-ramel, ngħidu aħna s-sineddoke li tippermetti lill-interpretu jimxi mill-parti għas-sħiħ bħallikieku qiegħed jitkellem fuq l-istess oġġett. Din il-firxa semjotika tirnexxi għax taħdem f'kultura ta' emblemi, jew għax fil-qarrej issejjaħ bosta kuntesti magħrufa, testi diġà miktuba, u prattika letterarja aċċettata kif nimxu minn sinjal għal ieħor. B'konsegwenza, il-preżenza sempliċi tar-ramel u d-destin tat-tiġrib li kull bniedem irid jaffaċċja jingħaqdu fl-istess sinjal.

Fir-raba' strofa jseħħ il-paradoss anagoġiku: minn entità konkreta r-ramel, li sar metonimija tad-deżert u fetaħ il-possibbiltà ta' l-allużjoni biblika, isir element li fih "jitwieled ġilju abjad." Ir-relazzjoni enigmatika bejn is-sinjal /ġilju/ u s-sinjal /ramel/ ma tistax isseħħ jekk il-qarrej ma jmurx fl-ikonografija kristjana u jifhem il-ġilju bħala emblema tar-ruħ pura. Il-ġilju jista' jinbet fir-ramel meta l-qarrej imur f'sistema ikonografika ta' sinjali, meta bis-sineddoke jimxi mir-ramel għad-deżert, u meta bl-allużjoni jittrasforma d-deżert fit-tiġrib tar-ruħ. Il-proċess jinvolvi kemm taħlita ta' sistemi semjotiċi (it-test letterarju u t-test ikonografiku), kif ukoll metodi ta' kontinwazzjoni bejn sinjal u ieħor. Finalment, il-qarrej ikun mexa minn ramel konkret għal skema ta' opposti li fil-poeżija tieħu d-dehra paradossali ta' "ramel ħawli" li fih "jitwieled ġilju abjad." Dal-proċess trasformattiv jippredomina fuq konklużjoni finali għax l-entità konkreta (ramel) tasal f'relazzjoni antitetika: deżert/ġilju; tiġrib/salvazzjoni; mewt/twelid. Fil-mument meta r-ramel isir apokalittiku jew anagoġiku, il-ġilju abjad "jitwieled" mhux jinbet fid-deżert, u minħabba li t-twelid jinvolvi waħda mill-kategoriji ta' l-opposti (mewt/twelid) il-

paradimma antitetika tissaħħaħ. Il-qarrej jittrasforma lilu nnifsu minn osservatur tar-ramel għal parteċipant fil-paradimma kristjana ta' l-opposti. Il-misteru tat-twelid (it-titlu tal-poeżija) fil-mewt (ir-ramel li jippersisti matul il-poeżija) iseħħ fil-livell anagoġiku għax is-sinjali jirrelataw ma' xulxin bi prinċipji ta' kontinwazzjoni bħas-sineddoke u l-allużjoni. Fi kliem ieħor, il-qarrej jista' jara l-paradoss kristjan wara li jieħu sehem fi proċess evoluttiv ta' sinjali, u wara li jinqeda b'sinjali li diġà huma miktuba f'testi (inkluża l-inkonografija) jew forom artistiċi oħra. Dan kollu jseħħ mingħajr it-tama li d-dehra ta' l-opposti se tiġi riżolta. Fil-livell anagoġiku, jew fl-aħħar strofa, tixref l-istqarrija tipika ta' Marjanu Vella: "nibqa' mismut, u fommi jsir tal-ġebel."

Il-mument meta teħel il-kelma lill-poeta hu wkoll il-mument meta l-lingwa nnifisha ġġorr aktar tifsir milli jista' jifhem il-poeta nnifsu. Fid-*De Trinitate,* Santu Wistin iddefinixxa l-kelma bħala l-mod kif Alla jinkarna l-verità fil-forma umana mingħajr ma jifhimha l-bniedem innifsu. Il-bniedem diġà jippossiedi l-verità, iżda l-kelma tiegħu tirrealizza dil-verità b'mod parzjali u temporanju, billi timxi minn sinjal għal ieħor mingħajr qatt ma teżawrixxi l-inċentiv divin li oriġinat minnu. L-idea ta' sinjali li diġà jinstabu miktuba f'testi oħra u diġà għandhom aktar konnessjonijiet futuri milli jiflaħ jimmaġina l-kittieb tixbah l-idea post-strutturalista li t-test innifsu għandu intenzjoni akbar minn dik tal-poeta. Fi kliem aktar tradizzjonali ngħidu li l-poeżija ma tmutx, u fi kliem post-strutturalista ngħidu li l-awtur miet – jiġifieri li t-test hu liberu mill-awtorità ta' l-awtur għax jeżisti bħala esperjenza ta' qarrej. Marjanu Vella wera kif il-poeta jista' jeżisti biss fil-qarrejja tiegħu permezz tal-parodija "Għall-Funeral ta' Marjan Kruptos, Poëta." F'dan id-dawl, is-sinjal /ramel/ fil-poeżija "Twelid" jista' jkun kemm "kriptogramm(a) ta' bla siwi," kif ukoll ċifra li titkellem aktar minn kull qari individwali tal-poeżija. Fomm il-poeta jsir tal-ġebel, jew il-poeta jitbikkem quddiem din l-interminabbiltà tat-test għax Marjanu

Vella jagħraf fil-mekkaniżmu allegoriku potenzjal ħafna aktar espressiv mill-intenzjoni tal-poeta nnifsu.

Il-poeżija "Twelid" tikxef il-mod kif kelma tista' tkun ħafifa fit-tifsira u interminabbli fis-sinifikat, ċara fir-referenza tagħha għal element bħar-ramel u ambigwa fl-interpretazzjonijiet allegoriċi tagħha. Umberto Eco jara proċess simili bejn il-mod kif l-allegorija medjevali kattret il-livelli tat-tifsir u s-semjożi bla limitu fit-test post-modern, iżda jżid li l-allegorija tirreferi għal tifsira ultima waqt li t-test post-modern jimmultiplika t-tifsir mingħajr din l-aspirazzjoni.[8] Illum, movimenti kritiċi bħas-semjotika u sistemi filosofiċi bħall-ermenewtika fenomenoloġika jiċħdu li hemm realtà esterna għas-sistema semjotika li toħloqha u torganizzaha. Dan il-ħsieb jidher kuntrarju għal poeta bħal Marjanu Vella li kontinwament jimplika li s-sinjali huma ddominati minn paradimma kristjana ta' l-opposti, minn ordni kosmiku, jew minn pjan divin. Iżda l-kwalità komuni bejn is-semjotika moderna u l-allegorija hi li t-tnejn ikattru l-livelli tat-tifsir mingħajr ma jippretendu li t-test jista' qatt jilħaq sens ultimu. Id-dinja medjevali, konkreta u astratta fl-istess waqt, kienet ibbażata fuq l-idea kristjana li n-natura hija l-ktieb allegoriku ta' Alla, l-awtur suprem li esprima ruħu bil-ħolqien. B'konsegwenza, il-ħolqien seta' jinqara bħal paġna, u r-relazzjonijiet naturali tiegħu saru wkoll relazzjonijiet kosmiċi. Iżda, ladarba l-allegorist jemmen li qiegħed juża s-sinjali naturali ta' Alla u fl-istess waqt li qiegħed jonqos milli jwassal bihom it-tifsira ultima tar-rivelazzjoni, il-proċess trasformattiv li permezz tiegħu l-qarrej jilħaq grad ta' integrazzjoni semantika jsir aktar validu mit-tifsira finali li ma tintlaħaqx.

F'din il-linja ta' ħsieb, Tzvetan Todorov jistqarr li l-allegorija tiddependi fuq tip ta' qari produttiv li permezz tiegħu l-interpretu jipproduċi l-livelli semantiċi aktar milli jsibhom lesti.[9] Għal raġunijiet simili, Rosemond Tuve tistqarr li l-allegorija hija modalità jew livell ta' qari mhux ta' kitba, u tikkonsisti primarjament fl-abbiltà li tiżviluppa sinifikat ġdid fuq xbihat tradiz-



Twelid.

Ir-ramel ħawli jleqq u nieżel qorqor,
jiżloq ħaff, imqareb, minn idejja
sa jaqa' fl-art, bħalkieku jrid jitħajjem.

Jieħu suriet għariba: sħab inċarrat,
triqat jisserpu ġo xulxin, mifxula,
uċuħ ħerġin mill-ġrajja tal-fatati.

Fih l-għajta tad-deżert li tidwi kiebja,
il-leħen tal-Battista bl-Aħbar Kbira,
u s-sieqja tax-Xitan li ried igarrab.

U sadattant mill-qalba ta' dar-ramel,
b'seħer qaddis, jitwieled ġilju abjad:
nibqa' mismut, u ġismi jsir tal-ġebel.

9 ta' Settembru 1986
Baħar-iċ-Ċagħaq.

p. marjanu Vella ofm

*Il-manuskritt tal-poeżija "Twelid" li ġiet ippubblikata wara l-mewt tal-poeta.*

zjonali.[10] Ngħidu aħna, fl-ikonografija medjevali l-figura mitika ta' Perseju ssir kavallier waqt li Andromeda tinbidel f'emblema ta' ruħ Perseju: il-ġrajja ta' Perseju li jsalva lil Andromeda tinżamm, iżda s-sinifikat isir ta' kavallier kristjan jitqabad għal ruħu.[11] Anki bħala ġeneru letterarju, l-allegorija tirripeti s-sinjali u l-ġrajja b'valur semantiku ġdid, mhux teżawrixxi t-test letterarju. L-allegorija rnexxiet bħala ġeneru ewlieni fil-Medju Evu għax kienet il-mekkaniżmu semjotiku l-aktar adattat biex is-sinjali klassiċi jinżammu waqt li s-sinifikat tagħhom isir kristjan, jew għax kienet mezz effettiv kif tinżamm il-klassiċità ta' letteratura aktar bikrija fil-valuri ġodda ta' dinja kristjana. Meta Marjanu Vella jistqarr il-faqar ta' kliemu quddiem ix-xbihat ordinarji madwaru, jikxef qagħda ġenerali: aħna lkoll fqar f'testwalità li hi ħafna itwal minn ħajjitna u li fiha aħna nipparteċipaw bi kliem li naħsbuh tagħna, iżda li fil-fatt hu tat-testi li ġew qabilna u dawk li se jkomplu mingħajrna. Fi kliem ieħor, il-kelma teħel mhux għax nitfixklu fiha, iżda għax tant hi espressiva.

F'dan id-dawl jinftehmu tajjeb ħafna bosta versi fl-aħħar fażi poetika ta' Marjanu Vella, ngħidu aħna: "Hemm skiet li jgħajjat bit-tifsir" u "qed ninsa sa fejn qiegħed / u x'siwi għandu l-kliem" fil-poeżija "Xbihat"; "Meta ninfixel u ma nistax nitkellem, / u nibda t-triq imġebbla tat-tbatija, / niżżel idek fuq spallti, u tgħidx kelma" fil-poeżija "X'ħin Naslu"; "ħallini, noħlom waħdi / fis-skiet; / ir-realtà nislitha / miċ-ċajta tad-dehriet" fil-poeżija "Thewdin"; u "Ħarifa ta' skiet / itaqqal / il-moħħ bil-ħsebijiet," fil-poeżija "Ħarifa." F'din il-fażi poetika l-enfasi fuq is-skiet titqawwa u f'sensiela ta' poeżiji bit-titlu "Frak" Marjanu Vella jistedinna ma nifhmux ħajja msawra minn fdal ta' esperjenzi jew faqar ta' memorji li ma jingħaqdux f'sekwenza. Mill-ġdid, espressjoni bħal "Nifhem li hemm ix-xemx, u hemm ix-xita, / (...) / li l-gawwi ħalla f'moħħi barxa fonda" ("L-Aħħar Tislima") hi indikazzjoni tal-mekkaniżmu allegoriku li jeżawrixxi lill-interpretu u mhux lit-tifsira. Dawn l-istqarrijiet huma aktar qawwija meta jittieħdu f'kuntrast mal-poeżija

preċedenti "Aktar," li fiha, għad li hemm l-istess stqarrija dwar sinifikat li mhux jitwassal, xorta waħda hemm it-tama li se jinstab l-"Għid ta' rebħa fuq il-Kelma / li qed inħossha fqira, fqira, fqira...." Silta mill-poeżija tixhed kif f'dan l-istadju aktar bikri l-poeta jaffronta dak li jonqsu jgħid bid-determinazzjoni li jgħidu:

> Kollox ifehimni w jgħidli li "xi għada",
> għada mas-sebħ irrid nerġa' nitkellem,
> baqagħli x'ngħid u rrid li ngħidu tajjeb.

It-tliet aspetti rikorrenti ta' l-allegorija f'Marjanu Vella kienu dawn: l-oġġett konkret bħala preżenza f'ambjent fiżiku u sinjal f'sistema kosmika; il-kelma li teħel quddiem l-interminabbiltà ta' din il-korrelazzjoni u quddiem il-livell anagoġiku li jidher bla ma jista' jitpoġġa fi kliem dirett; u t-trasformazzjoni fil-qarrej bħala suppliment għall-insuffiċjenza verbali jew bħala test li se jkompli jiġi interpretat meta tieqaf il-kelma tal-poeta. Dawn l-aspetti tal-mekkaniżmu allegoriku jidhru fl-aqwa tagħhom f'poeżija bħal "Kelma, Kelma." F'din il-poeżija, persuna oħra żżur lill-poeta waqt li d-dar tiegħu tegħreq fl-ilma. Il-forza fiżika ta' l-ilma hi ppreżentata f'deskrizzjoni realistika: l-ilma "ħadli s-sodda, ħadli l-mejda / saqli kollox." Iżda f'din ix-xena realistika, il-persuna l-oħra li żżur lill-poeta tibqa' ma tarax l-għarqa u tikkontradixxi r-regoli fiżiċi għax waqt id-diżastru enormi ta' l-għargħar, bniedem ma jistax joqrob lejn dar li ssofri għarqa. Fix-xena, għalhekk, tinħoloq distanza bejn ir-realiżmu fid-deskrizzjoni u l-kuntradizzjoni enigmatika ta' l-istess r-regoli fiżiċi. Ix-xena, fi kliem ieħor, issir realistika u elusiva fl-istess waqt. Iżda ż-żewġ pjani ta' l-allegorija, il-pjan realistiku u l-pjan emblematiku, tant jokkupaw l-istess ċirkustanza li jeħtieġu xi forma ta' korrelazzjoni bejniethom. Il-fatt li l-poeta jtenni lill-persuna li marret iżżuru biex terġa' tgħaddi juri li l-istess ċirkustanza hija interpretata minn żewġ perspettivi: il-perspettiva predominanti u allegorika tal-poeta li jġarrab l-

għarqa, u l-perspettiva tal-bniedem l-ieħor li jintervieni f'din iċ-ċirkustanza drammatika bħallikieku l-għarqa ma teżistix. B'dan il-mod, Marjanu Vella seta' jiddramatizza l-qagħda ta' l-allegorist bejn ir-realtà u l-emblema li jokkupaw l-istess element, f'dan il-każ l-għarqa. Iżda, apparti dan, il-poeżija "Kelma, Kelma" ġġib fl-istess ċirkustanza t-tliet aspetti ta' l-allegorija f'Marjanu Vella: l-għarqa bħala element fiżiku u enigmatiku, immedjat u kosmiku; il-kelma tal-poeta li teħel tant li l-persuna l-oħra mhix milqugħa biex tisma' "kelma, kelma" dak li trid; u l-fatt li l-allegorija tiddependi fuq il-persuna l-oħra li tista' ma tarahiex. It-titlu sinifikattiv "Kelma, Kelma" jixhed kemm iċ-ċirkustanza teħtieġ komunikazzjoni, iżda l-poeżija fil-fatt hi l-posponiment ta' din il-komunikazzjoni għax il-bniedem l-ieħor mhux jara l-allegorija:

Erġa' ejja, malli x-xita
tehda ftit,
imbagħ'd ngħidlek kelma, kelma,
dak li trid.

Fil-ħames strofa l-bniedem li mar iżur lill-poeta hu mistieden jerġa' jgħaddi meta l-qawsalla turi li "xejn ma ġara, kollox għadda." F'dan il-mument, id-dehra realistika ta' l-għarqa tintrikeb minn possibbiltà interpretattiva oħra: is-sekwenza minn dar niexfa qoxqox, għal għarqa, għal qawsalla tikkorrispondi mat-tliet stadji ta' l-għarqa biblika li fl-eseġesi huma interpretati bħala l-firda minn Alla, tindifa mill-ħażen bid-dulluvju, u l-patt ġdid ma' Alla permezz tal-qawsalla. Permezz ta' din l-analoġija, il-qarrej jingħata l-opportunità li jagħraf it-tliet stadji tar-ruħ li fl-eseġesi biblika jikkorrispondu ma' l-għarqa: in-nixfa bħala nuqqas ta' Alla, l-għarqa bħala magħmudija, u l-qawsalla bħala stat spiritwali ġdid jew salvazzjoni. Waqt l-għarqa bħala taqliba spiritwali, il-poeta ma jistax jilqa' lil ħaddieħor u jikkomunika l-esperjenza nnifisha li l-ieħor mhux jara.

Iżda l-iktar aspett sorprendenti ta' din il-poeżija hu li l-bniedem l-ieħor isir preżenza fiżika fl-istess allegorija li mhux jirrikonoxxi, u joħloq id-dilemma ta' għarqa li teżisti jew ma teżistix. F'dan l-istadju, il-qarrej, li ra l-analoġija spiritwali ta' l-għarqa u qiegħed jara ċ-ċirkustanza redikola tal-bniedem li jħabbat il-bieb waqt l-għargħar, jaffronta l-istess ċirkustanza bħala żewġ veritajiet alternattivi. Il-qarrej jingħata din irresponsabbiltà interpetattiva: jista' jara l-għarqa bħala eżistenti għax jifhem il-pjani allegoriċi tagħha, u jista' ma jarax l-għarqa billi jidħol fl-allegorija bħala bniedem li jħabbat il-bieb għalxejn. Iżda l-bniedem li jħabbat il-bieb waqt l-għargħar jippersonifika l-istess inkomprensjoni ta' l-ambjent allegoriku li qiegħed fih, u b'dan il-mod l-inkomprensjoni hija assimilata mill-istess mekkaniżmu allegoriku. Fil-poeżija hemm kunflitt bejn żewġ sistemi semjotiċi: l-allegorija li tinkludi anki lil min ma jifhimhiex bil-personifikazzjoni ta' din l-inabbiltà, u l-bniedem ordinarju li jintervieni f'dan l-univers ta' diskors u jagħmel l-allegorija ineżistenti. Aktar ma titqies konkreta l-għarqa, aktar tidher ambigwa l-figura ta' persuna oħra tħabbat il-bieb; u aktar ma tingħata prominenza lid-dehra ta' dil-persuna tħabbat ilbieb, aktar issir enigmatika l-għarqa. Iż-żewġ possibbiltajiet huma paralleli għaż-żewġ possibbiltajiet fil-parodija "Għall-Funeral ta' Marjan Kruptos, Poëta": il-qarrej jista' jadotta l-proċess allegoriku u jagħmlu eżistenti jew jiċħdu bħala "kriptogrammi ta' bla siwi." Jidhirli li Marjanu Vella jeżerċita grad għoli ta' perċezzjoni semjotika meta fil-ġrajja allegorika stess jiddrammatizza l-inkomunikabilità tagħha u r-responsabbiltà tal-qarrej. Il-qarrej ta' "Kelma, Kelma" jingħata l-inċentiv biex jibda l-proċess allegoriku li jwassal għall-paradoss ta' għarqa/salvazzjoni, iżda jista' wkoll jidentifika ruħu mal-bniedem li l-poeta jindirizza, u jirredikola l-emblema ta' l-għarqa billi jħabbat il-bieb.

Meta d-dulluvju bibliku jissawwar b'dehra ġdida tad-djar li jegħirqu fil-widien tagħna, ir-relazzjonijiet fiżiċi li jsawru l-

ambjent ġdid jippermettu l-iżvolġiment ta' teknika letterarja bħall-ironija, il-paragun, it-tifsir doppju, jew anki l-kunflitt bejn żewġ sistemi ta' diskors. Kif jixhed it-titlu, il-poeżija "Kelma, Kelma" ma tittrattax is-sinifikat bibliku daqskemm il-komunikazzjoni waqt l-esperjenza spiritwali ta' l-għarqa. Is-sinifikat tradizzjonali ta' l-għarqa jiġġedded bi bniedem li jħabbat il-bieb f'ambjent modern, iżda dan il-bniedem fl-ambjent modern jagħmel il-komunikazzjoni prevalenti fil-ġrajja biblika. Fl-għarqa biblika issa hemm dal-paradoss: meta sseħħ il-komunikazzjoni, l-esperjenza spiritwali hi annullata u l-għarqa tgħib; meta l-persuna l-oħra mhix milqugħa, l-għarqa tfeġġ bħala kawża realistika-anagoġika ta' l-inkomunikabilità. Il-poeżija "Kelma, Kelma" ġġib flimkien it-tliet aspetti fundamentali ta' l-allegorija f'Marjanu Vella: l-għarqa bħala l-element realistiku u anagoġiku fl-istess waqt; il-posponiment tal-kliem għal darba oħra bħala rappreżentazzjoni tal-poeta li teħillu l-kelma fl-esperjenza apokalittika; u r-responsabbiltà tal-qarrej li f'dan il-waqt jista' jew iġedded il-livelli semantiċi ta' l-għarqa, jew iħassar din id-dehra apokalittika billi jitlob "kelma, kelma" dak li jeħtieġ. Bħalma l-allegorija tfeġġ meta l-poeta jipposponi t-tifsira, il-poeżija ta' Marjanu Vella titkellem l-aktar meta l-poeta jistqarr li teħillu l-kelma. Il-poeżija ta' Marjanu Vella sseħħ fil-qarrejja tiegħu, bħala riġenerazzjoni tal-proċess allegoriku li l-poeta qies interminabbli f'kuntrast mal-kelma finali.

REFERENZI:


1. A. Fletcher, Allegory – *The Theory of a Symbolic Mode,* Cornell University Press, New York, 1964, pp. 103-5.
2. Ibid., pp. 7-8.
3. R. Tuve, *Allegorical Imagery – Some Mediaeval Books and Their Posterity,* Princeton University Press, Princeton, 1966, p. 13.
4. M. Quilligan, *The Language of Allegory – Defining the Genre,* Cornell University Press, New York, 1979, p. 253.
5. G. Clifford, *The Transformations of Allegory,* Routledge and Kegan Paul, London, 1974, p. 23.
6. Ibid., p. 78.

7. Ibid., p. 2.
8. U. Eco, *The Limits of Interpretation,* Indiana University Press, Bloomington, 1990, p. 12.
9. T. Todorov, *Symbolism and Interpretation,* (trans. by C. Porter), Routledge and Kegan Paul, London, 1982, p. 19.
10. R. Tuve, op. cit., p. 34.
11. Ibid., p. 36.